MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 91/2008

Kawza fil-lista: 36

**A B gja B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-Knisja ta’ Saint Patrick, Sliema fit-23 ta’ Jannar 2000 (Dok. A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cioe’ D B li twieldet fl-1 ta’ Gunju 2000 u E B li twieled fis-17 ta’ Awwissu 2004;

2. Illi l-esponenti tirrileva illi hija bdiet tohrog mal-konvenut ghal habta ta’ Marzu 1999 meta hija kellha

ghoxrin sena filwaqt illi l-konvenut kellu tlieta u ghoxrin sena, f’ liema perijodu l-esponenti kellha impjieg full time bhala hairdresser u l-konvenut kien part-time waiter; jinghad in oltre illi meta l-esponenti iltaqghet mal-konvenut hija kienet ghadha kif tohrog minn relazzjoni li damet madwar sentejn u nofs;

3. Illi r-relazzjoni ta’ bejn il-kontendenti kienet wahda kazwali hafna peress illi l-esponenti kienet xorta baqghet f’ kuntatt mal-hbieb taghha u kienet baqghet tohrog maghhom b’ mod regolari;

4. Illi l-esponenti wara ftit xhur u cioe’ f’ Awwissu 1999 hassret ir-relazzjoni ta’ bejniethom peress illi kienet qieghda tiddejjaq bir-relazzjoni principalment minhabba l-karattru tal-konvenut, li ma kien socjevoli xejn u kien ibati hafna bil-burdati. L-esponenti hassitha ferhana hafna bid-decizjoni taghha u kompliet tghix hajjitha pero’ l-konvenut baqa’ jigri warajha u jsegwi l-passi taghha kull fejn tmur;

5. Illi jinghad illi wara ftit li kienet hassret ir-relazzjoni taghhom, l-esponenti skopriet illi kellha tmien gimghata tqala, ghalkemm meta l-kontendenti kien ikollhom l-intimita’ bejniethom hija kienet tiehu l-‘contraceptive pill’ li ghal xi raguni ma kienetx hadmet. L-esponenti wara ftit qabel b’ dan lil ommha u lir-ragel ta’ ommha li urew disapprovazzjoni kbira u qalulha sabiex tmur tfittex fejn toqghod ghaliex huma ma kienux lesti jzommuha f’ dik il-kundizzjoni.

6. Illi sussegwentement, l-esponenti nfurmat lill-konvenut bit-tqala li ssuggerixxa minn naha tieghu illi jergghu ikomplu bir-relazzjoni taghhom u jibdew jikkoabitaw. Konfuza kif kienet u imbezza mill-genitui taghha l-esponenti f’ dak il-mument hasbet illi l-unika soluzzjoni kienet illi jizzewwgu u ghalkemm hija kienet taf illi ma kienetx thobbu. Il-genituri rispettivi tal-kontendenti ltaqghu u ddecidew li l-partijiet ghandhom jizzewwgu u giet iffissata d-data taz-zwieg ghal Jannar ta’ wara;

7. Il-problemi matrimonjali bdew immedjatament wara z-zwieg ghaliex l-esponenti sabet ruhha f’ hajja illi ma

xtaqetx tidhol fiha u li ma riedetx taqsam mal-konvenut. Li kieku ma kienetx ghat-tqala hija ma kienetx tizzewweg lill-konvenut ghaliex il-presenza tieghu kienet tirritha. Illi l-esponenti tirrileva illi hija ma kienetx thobb lill-konvenut u tiddubita jekk il-konvenut qattx habbha.

8. Illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-Atti tan-Nutar Tanya Farrugia fis-17 ta' Ottubru 2007.

9. Illi ghalhekk jingha illi l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u tal-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

10. Illi in oltre, l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

11. Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-istess konvenut illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

12. Illi l-kontendenti ssimulaw l-kunsens taghhom ghal dan iz-zwieg.

13. Illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat fil-Knisja ta' Saint Patrick, Sliema fit-23 ta' Jannar 2000 huwa null u bla effett skond il-ligi.

Jghid il-konvenut l' ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hawn fuq premessi:

Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-23 ta' Jannar 2000 huwa null u bla effett legali u sussegwentement taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f' dan ir-rigward.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut, debitament ingunt, ghazel li jibqa' kontumaci ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-23 ta' Jannar 2000 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-konvenut kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [d], u dak tal-partijiet fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi akkwizit ddelinea ruhhu s-segwenti kwadru tal-fatti sodisfacentement provati.

Illi l-partijiet izzewwgu fit-23 ta' Jannar 2000, meta allura l-attrici kellha 21 sena u l-konvenut kellu 23 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur, u meta l-attrici kienet tqila. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt-it tfal fl-1 ta' Gunju 2000 u fis-17 ta' Awissu 2004 rispettivament. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' snin, il-partijiet isseparaw de facto, u fis-27 ta' Novembru 2007 iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi l-attrici spjegat fid-dettal is-sitwazzjoni taghha meta accettat li tizzewweg, kif ukoll tul il-konvivenza matrimonjali. Hija tghid li kienet bdiet tohrog mal-konvenut f' Marzu 1999, wara li kienet ghadha kemm hassret relazzjoni precedenti li kienet damet circa sentejn u nofs, u ghalhekk ma kellhiex l-intenzjoni li tidhol f' relazzjoni serja mal-konvenut. Di fatti, wara ftit xhur, hi kienet hassret din ir-relazzjoni, ghax ma kienitx kuntenta mal-konvenut, u ghalhekk fl-Lulju 1999 hi kienet hadet decizjoni li taqta' minn mieghu, kif fil-fatt ghamlet.

Izda ftit wara li kienet itterminat ir-relazzjoni mal-konvenut, hija skopriet li kienet tqila, liema fatt kien ta' xokk kbir ghaliha, kemm ghax hi kienet qeda tiehu l-pillola kontracettiva, kif ukoll ghax ma rieditx li tirrezumi r-relazzjoni mal-konvenut, peress li ma kienitx thobbu, anzi tghid li kien beda jdejjaqha. Sussegwentement, meta kienet eventwalment gharrfet lil membri tal-familja taghha, u lil ommha li maghha kienet tghix dak iz-zmien u li kienet mizzewwga ragel iehor wara li z-zwieg taghha kien gie annullat, hija ma sabet appogg minghand hadd, u ommha ma rieditx li tibqa' zzommha ghandha d-dar. Meta l-attrici gharrfet lill-konvenut bis-sitwazzjoni, dan kien ipproprona li jizzewwgu bhala soluzzjoni.

Illi fic-cirkostanzi li sabet ruhha fihom l-attrici, dina accettat li tizzewweg lill-konvenut unikament minhabba t-tifla, biex din titwieled fiz-zwieg, u peress li riedet kenn; u l-attrici tghid kategorikament li kien ghalhekk li hi kienet accettat li tizzewweg ragel li hi ma kienitx thobb u li bil-kemm kienet taf. Tghid li zzewwget bilfors. Fi kliemha : "spiccajt pregnant, 21 sena, ma nistax nahdem, irrid nara fejn ser noqghod, hadd ma jista' jzommni, hadd ma jista' jghini, dik kienet l-unika soluzzjoni."

Kif mistenni, l-partijiet bdew jirriskontraw problemi mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali. L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut, allura zewgha, ma kienx ta' appogg ghaliha fiz-zwieg, tant li tghid li matul din il-konvivenza, hija ghexet kwazi waheda, u zewgha ma kienx jerfa' r-responsabbilita' fiz-zwieg u kien jitraskuraha bhala martu. Meta hi kienet titolbu biex jiddiskutu s-sitwazzjoni taghhom, hu kien jghidilha li ma kienx jemmen fid-djalogu. Ir-relazzjonijiet intimi bejniethom ma kienux spissi. F' dawn ic-cirkostanzi, l-attrici kienet ipproponiet, u l-konvenut kien eventwalment accetta, li jkollhom wild iehor sabiex l-ewwel tarbija ma tibqax wahedha, u wkoll biex forsi bit-tieni tarbija s-sitwazzjoni bejniethom titranga. Izda r-relazzjoni matrimonjali baqghet sejra lura sakemm il-partijiet eventwalment isseparaw.

Illi l-konvenut minn naha tieghu jaqbel in sostanza mal-verzjoni tal-fatti moghtija mill-attrici. Jghid li kien hu li kien

ippropona z-zwieg lill-attrici li eventwalment accettat. Jghid "Ir-reazzjoni kienet li hemm zball, jiena ghidtilha jekk tridx nizzewwgu. Hi speci ommha u missierha ma ghenuhwiex…. Dak iz-zmien ma kontx naf x' ser naqbad naghmel, nghidlek il-verita'. Kien hemm zmien ukoll li hassejt li m' ghandix nizzewweg jien ukoll". Il-konvenut jikkonferma li, ghalkemm l-attrici accettat il-proposta tieghu, hija kienet riluttanti li tiehu dan il-pass ; u li l-pass haduh principalment sabiex it-tifla titwieled fiz-zwieg.

Jghid li mill-bidunett taz-zwieg kien ikun hemm hafna glied bejniethom, partikolarment meta l-attrici kienet tirrifjuta li jkollha x' taqsam mieghu. Jilmenta minn nuqqas ta' sess fiz-zwieg. Huwa jinnega li ma kienx responsabbli fiz-zwieg, izda jghid li responsabbilita' da parti tieghu "mhux ma kienitx hemm, kien hemm ftit zghira. Setghet kienet ahjar."

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghtihom affidament, partikolarment lill-attrici.

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-ezistenza tal-*caput nullitatis* kontemplat fil-paragrafu [d], u dak kontemplat fil-paragrafu [f], fil-konfront ta' l-attrici.

Il-Qorti hi tal-fehema li, ghalkemm l-attrici accettat li tizzewweg lill-konvenut, izda internament hija ma rieditx tghix il-hajja konjugali ma bniedem li ma kienitx thobb u li l-prezenza tieghu kienet sahansitra tirritaha ; liema fatt necessarjament wassal ghar-riluttanza da parti taghha li taghmel l-att taz-zwieg ma zewgha. Dan il-fatt minn naha tieghu, flimikien ma' fatti ohra relatati mal-komportament tal-konvenut fiz-zwieg, kien wassal ghal inkwiet kontinwu bejn il-koppja.

Illi minn naha tieghu l-konvenut wera difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewwega meta zzewweg persuna li hu kien jaf li ma rieditx tkompli r-relazzjoni mieghu ; u inoltre, jidher li fiz-zwieg ma kienx jerfa' r-responsabbiltajiet ta' ragel mizzewweg, bir-rizultat

li l-attrici kien ihossha waheda u minghajr appogg fiz-zwieg. Dan l-ahhar fatt kien wiehed mill-ostakoli serji ghall-integrazzjoni tal-partijiet fil-hajja konjugali.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikatata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi  tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-23 ta' Jannar 2000.

L-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------